**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr.Noel Cuschieri LLD Mag.Jur. (Euro. Law)**

***Drogi 237/98***

***Pulizija***
***Sp. Abraham Zammit***
***v***
***Marvin Vassallo***

Illum 26 ta' Frar 2001

Il-Qorti,
Rat – Semghet – Ikkunsidrat:-

Illi l-akkuza dedotta kontra l-imputat hija bazata fuq ir-reat ta' **Pussess Illegali** (semplici) tad-droga eroina u **Traffikar** tal-istess droga – *riferibbilment ghal 18 ta' Lulju 1998 u fl-ahhar tlett snin qabel din id-data;* kif ukoll talli kiser il-liberta' kondizzjonata.

Illi l-imputat ammetta l-akkuza, bazata fuq ir-reat ta' Pussess Illegali (semplici), dedotta kontra tieghu, in kwantu sostna li huwa kellu l-vizzju tad-droga; kif ukoll ir-raba akkuza. Ghaldaqstant dawn jinsabu sodisfacentement provati skond il-ligi.

In propositu ghal piena il-Qorti hadet in konsiderazzjoni il-**fedina penali nadifa** tal-imputat u in vista tac-cirkostanzi tal-kaz, partikolarment tar-reat li bih instab hati, il-Qorti hija tal-fehma li ghandha tpoggi lill-imputat that is-sorveljanza ta' ufficjal tal-probation ghal certu tul taz-zmien.

Illi in kwantu ghall-kumplament tal-akkuza il-qorti tosserva li dawn ma gewx sodisfacentement provati skond il-ligi, u ghaldaqstant l-imputat ghandu jigi liberat minnhom.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi ssib lill-imputat hati skond akkuzi (b) u (d) ai termini tar-regolament 8 tal-GN 292/39 u l-Artikolu 10(1) tal-Kap.152; izda minflok imposizjoni ta' piena qed tpoggi lill-istess imputat that ***is-sorveljanza tal-ufficjal tal-probation Marianne Zammit ghal zmien tlett snin*** bil-obbligu li l-istess imputat joqghod ghall-kondizzjonijiet kollha indikati fl-Ordni tal-Probation annessa ma dan il-gudizzju markata dokument PO u formanti parti integrali tal-istess.

Il-Qorti spjegat lill-imputat f' termini cari s-sinifikat u l-portata tal-imsemmi provvediment.

Issibu mhux hati tal-kumplament tal-akkuzi (a) u (c) u tilliberah minnhom.

***Dr.Noel Cuschieri***
***Magistrat***